

P6_TA(2006)0377

Abbozz ta' baġit li jemenda Nru 4/2006

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-Abbozz li jemenda l-baġit Nru 4/2006 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, Taqsima III, Kummissjoni (11298/2006 – C6-0247/2006 – 2006/2149(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari s-subparagrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-Artikolu 272(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 177 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tas-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikulari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, kif ġie adottat finalment fil-15 ta' Diċembru 2005²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib fil-proċedura baġitarja³,
 - wara li kkunsidra l-Abbozz preliminari ta' baġit li jemenda Nru 4/2006 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, li l-Kummissjoni ppreżentat fis-16 ta' Ġunju 2006 (SEC(2006)0760),
 - wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit li jemenda Nru 4/2006, li l-Kunsill stabbilixxa fis-17 ta' Lulju 2006 (11298/2006 - C6-0247/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0284/2006),
- A. billi l-Abbozz ta' baġit li jemenda Nru 4/2006 jirrigwarda l-lat tad-dħul tal-baġit u fih numru ta' elementi li jaffettwaw il-livell tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għar-riżorsi tal-Komunità nnifisha,
- B. billi dawn l-elementi huma relatati mar-reviżjoni annwali tat-tbassir dwar riżorsi proprji tradizzjonali, dwar bażijiet tal-VAT u tal-GNI u dwar kalkolu tekniku mill-ġdid tal-kontribuzzjonijiet neċessarji biex jiġi ffinanzjat ir-rimborż tat-tnaqqis tar-Renju Unit kif

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² ĠU L 78, 15.3.2006.

³ ĠU C 172, 18.6.1999, p.1. Ftehma kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/708/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 14.10.2005, p. 24).

ukoll dwar dak baqa' żejjed mill-Fond ta' Garanzija għal miżuri esterni mill-2005,

- C. billi l-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' Diċembru 2005 stieden lill-Kummissjoni biex tagħmel reviżjoni sħiħa u li tkopri firxa wiesgħa ta' l-oqsma kollha ta' spiża u dħul ta' l-UE, inkluż it-tnaqqis Brittaniku, bil-għan li jiġi ppreżentat rapport, flimkien ma' proposti xierqa, fl-2008 jew 2009,
 - D. billi bit-twettiq ta' din ir-reviżjoni u t-tfassil tal-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ix-xogħol u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew, bi qbil mat-termini tad-Dikjarazzjoni Nru 3 annessi mal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u tmexxija finanzjarja soda⁴,
 - E. billi l-Parlament beda djalogu mal-parlamenti nazzjonali bil-għan li jikkontribwixxi b'mod konġunt għar-reviżjoni komprensiva ppjanata tas-sistema ta' riżorsi proprji bir-rispett sħiħ għad-drittijiet stabbiliti tiegħu,
1. Japprova bla emendi l-Abbozz ta' baġit li jemenda Nru 4/2006;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁴ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.